Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

# Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 41

**Data:** Il-Ħamis, 10 ta' Diċembru 2020
**Ħin:** 17:30
**Post:** Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, il-Marsa

**Preżenti**:
Is-Sur Mario Fava – President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru

**Skużati:**
Perit Graziella Galea – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**41.1 Preżentazzjoni u approvazzjoni – Ittri ta' Apoloġija**

41.1.1 Is-Segretarja preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Perit Graziella Galea.

41.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Joe Cordina, l-Eżekuttiv aċċetta l-apoloġijia preżentati.

41.1.3 Is-Segretarja infurmat ukoll li s-Sur Anthony Mifsud kien informa li ser jattendi biss għal ftit ħin mil-laqgħa.

**41.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 40**

41.2.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.40.

41.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva il-minuti.

**41.3 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 40**

| | |
|---|---|
| **41.3.1 Laqgħat online** | Il-President semma li fl-emenda leġislattiva li saret approvat li s-Seduti tal-Kunsill Lokali u Kunsilli Reġjonali jistgħu jsiru online. L-emenda hija waħda wkoll retroattiva għaldaqstant l-laqgħat online li diġa kienu saru qabel din l-emenda huma validi. |
| **41.3.2 Segretraji Eżekuttivi** | Il-President semma li għaddiet ukoll mill-Parlament, l-emenda li tati jedd lill-Kunsill Lokali / Kunsill Reġjonali li jekk ma jsibux Segretarju Eżekuttiv li jkun fil-pool tas-Segretarji Eżekuttivi prospettivi dawn jistgħu jitolbu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jawtorizza li s-sejħa toħroġ esterna u jkunu jistgħu japplikaw nies barra mill-pool. Semma li din kienet problema li qed jaffaċjaw diversi Kunsilli Lokali. |
| **41.3.3 Allokazzjoni AKL** | Il-President semma li ser issir laqgħa mas-Segretarju Permanenti MHAL sabiex tiġi diskussa l-allokazzjoni li ngħatat l-AKL għas-sena 2021, semma li barra li tnaqqset l-allokazzjoni, se jonqod dhul iehor tal-Assocjazzjoni ghaliex skadew certi kuntratti li issa skadew fis-sena 2020 u ma kienux se jiġu mġedda. Dan għaldaqstant ser jimpatta fin- |

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

negattiv l-anadament li bih l-AKL kienet ser topera ghas-sena 2021. Semma li ser ikun qed iressaq il-proposta li l-AKL tkun f' line item għaliha fil-budget preżentat mill-Gvern Ċentrali. Semma li ser ikollu laqgha mal-Finanzi sabiex jispjega sew ir-rwol tal-Assocjazzjoni u dak li qed taghmel mal-Kunsilli Lokali u ghaliex ghandha bzonn zieda fl-allokazzjoni diretta taghha biex ma tibqax tistrieh fuq il-kontribuzzjonijiet ta' sori u entitajiet ohrajn.

Huwa talab li jigi approvat il-budget imressaq minkejja li ghas sena 2021 kien qed jindika deficit. Spjega li dan qed jigri ghaliex l-allokazzjoni idretta tkopri biss is-salarji u l-onorarja flimkien mal-kontijiet ta' kommunikazzjoni. L-operat kollu tal-assocjazzjoni ghass ena 2021 se jkollu jigi finanzjat mis-surplus tas-sena 2020, peress li matulha ma setghux isiru l-attivitajiet u laqghat u s-soltu jsiru. Spjeg ali jekk ma jigrix hekk, l-Assocjazzjoni lanqas ikollha biex thalass il-kiri tal-post, fost hwejjeg ohra.

Spjega li dak li ma sarx is-sena l-ohra irid isir tul l-2021 partikolarment it-tahrig ghall-kunsilliera f' diversi oqsma u suggetti.

Il-proposta giet approvata unanimament wara diskussjoni kif indikat aktar 'l isfel.

**41.3.4 Taħriġ fuq l-EPPS għall-Membri Eletti**

Il-President semma li kien sar taħriġ online organizzat mill-AKL u offrut lill-Membri Eletti fuq kif trid issir l-evalwazzjoni ta' sejħiet pubbliċi fuq is-sistema tal-EPPS. Semma li dan it-taħriġ kien wieħed popolari u mistenni għaliex għalih attendew madwar sittin parteċipant.

**41.3.5 L-ikla tal-Milied għall-Eżekuttiv tal-AKL**

Il-President talab li għandha tittieħed deċiżjoni jekk l-ikla tal-Eżekuttiv tal-Milied kinitx ser issir jew le. L-Eżekuttiv qabel li nhar it-28 ta' Diċembru fis-13:00 ser issir l-ikla ġewwa Għawdex.

41.3.6 Is-Sur Anthony Mifsud daħal għal-laqgħa fil-5:54pm.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**41.3.7 Laqgħa ma' INDIS**

Il-President semma li l-laqgħa mal-INDIS fuq il-kirja tal-binja amministrattiva tal-AKL li kienet skedata għall-Diċembru tħassret u ser tingħata data mill-INDIS għall-bidu tas-sena d-dieħla.

**41.4 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 40**

41.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi u Chev Paul Farrugia ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-17 ta' Novembru 2020 u l-10 ta' Diċembru 2020 li kienet tammonta għall-€47,705.98.

**41.5 Estimi Finanzjarji għas-Sena 2021**

41.5.1 Il-President semma li minhabba li ma kienx hemm attivitajiet matul is-sena 2020 minħabba r-restrizzjonijiet li kien hemm relatati mal-pandemija tal-COVID-19, l-AKL kienet ser itemm is-sena 2020 b' surplus ta' €120,000. Il-President semma li kine hemm tnaqqis mill-allokazzjoni mogħtija mill-Gvern Ċentrali għas-sena 2021, kif ukoll fondi oħra li ma kienux ser jingħataw aktar minħabba li kien hemm skadenza ta' kuntratti eżistenti. Għaldaqstant, il-President semma sabiex l-AKL tkun tista' topera skond il-miri li stabbilit u anki skond il-livell li irnexxilha ittellgħa matul dawn l-aħħar snin, l-AKL kienet qed tipprevista li ser tkun qed tagħmel deficit ta' €121,560 matul is-sena 2021.

41.5.2 Is-Sur Joe Cordina kif ukoll Dr. Samuel Azzopardi semmew li sakemm dan mhux ser ikun defcit strutturali imma deficit li ser isir għal sena waħda biss, l-Eżekuttiv għandu japprova l-Estimi Finanzjari hekk kif preżentanti. Dan sabiex l-AKL ma tkunx qed timminima r-ritmu li bih kienet qed taħdem s' issa.

41.5.3 Is-Sur Jesmond Aquilina irrimarka li l-AKL m' għandiex tagħmel deficit lanqas għal sena waħda imma għandha tara kif tagħmel u taħdem b' dak li għandha għad-diżpożizzjoni tagħha. Is-Sur Aquilina semma li l-Kunsilli għandhom jibdew jagħtu kontribut finanzjarju għall-inizjattivi, taħriġ u attivitajiet li tagħmel l-AKL.

41.5.3 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Dr. Azzopardi u Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2021 hekk kif preżentati.

**41.6 Komunikazzjoni mill-President**

**41.6.1 Devoluzzjoni ta' Dawl**

Il-President semma li l-Enemalta, ikkomunikat mal-AKL fejn din jidher li trid tbiddel id-dawl kollu (street

A: Local Councils Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

lightning). Filwaqt li l-President jirrimarka li ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal dan it-tibdil anzi dan jawgura tajjeb għall-aktar effiċjenza fl-ambjent. Il-President enfasizza li huwa ser jkun qed jesiġi li wara li jinbiddel dan id-dawl tingħata devoluzzjoni sħiħa lill-Kunsilli Lokali. Chev. Farrugia staqsa jekk għandux ikompli bis-sejħa pubblika għas-servizz ta' manutenzjoni ta' street lightning.

Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa 18:08.

Dr. Azzopardi semma li mill-esperjenza li għaddej minnha r-Reġjun Għawdex, aħjar ikun hemm is-servizz sħiħ fir-responsabbilita' ta' entita' waħda.

Is-Sur Fenech Adami staqsa lil liema entita' ġew mogħddija l-fondi Ewropej sabiex issir dan il-proġett. Il-President wieħed li l-Enemalta ibbenifikat mit-tali fondi. Il-President ikkonferma li l-Enemalta ħadet fondi mill-Ewropa sabiex tbiddel il-bozoz kollha tat-toroq għal dawk LEDs.

Dr. Azzopardi semma li meta jinħarġu sejħiet pubbliċi mill-Kunsilli Reġjonali jew Kunsill Lokali għal servizz ta' manutenzjoni ta' dan it-tip, il-kuntratti għandhom ikunu ta' durazzjoni ta' 12-il xhar kif ikun hemm klawżoli ta' terminazzjoni ċari.

**41.6.2 Rapport mill-Uffiċju tal-Awditur Ġenerali**

Il-President għamel referenza għar-rapport anwali li jinħareġ mill-Uffiċju tal-Awditur Ġenerali rigward it-tmexxija finanzjarja tal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Il-President semma li dan ir-rapport kompla jikkonferma li hemm Kunsilli u Reġjuni li ma preżentawx audited accounts. Semma fost l-oħrajn il-Kunsill tal-Belt li mis-sena 2013 qatt ma ġew preżentati dawn ir-rapporti finanzjarji. Il-President semma li huwa ta' dispjaċir li għadd ta' management letters maħruġa mill-awdituri baqgħu ma twiġbux minn uħud mill-Kunsill Lokali. Il-President semma li fil-ġimgħat li ġejjin l-AKL ser tkun qed tikkordina biex twassal webinar b' informazzjoni utli rigward x' rapporti finanzjari għandhom jitħejjew u jiġu preżentati mill-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali, x' inhu

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

l-iskop li jsir l-awditjajr u għaliex isir kif ukoll x' inhuma r-responsabilitajiet finanzjarji tal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali.

**41.6.3 Proġett Composte – Climate Neutral Economy**

Il-President semma li kien hemm rikjesta minn Dr. Azzopardi sabiex l-Assoċjazzjoni tagħmel kuntatt ma' Universita' f' Ċipru sabiex tippparteċipa fi proġett. L-AKL għamlet kuntatt u ġabret aktar tagħrif fuq dan il-proġett u jidher li l-impatt finanzjarju huwa wieħed minimu. L-Eżekuttiv qabel li l-AKL għandu tkun parti minn dan il-proġett.

**41.6.4 FAR – Laminating Machine**

Il-President semma li għandha bżonn tintrema laminating machine li din kellha ħsara u ma setatx tisewwa.

**41.6.5 Kunsilli Reġjonali u AKL fuq Skeda 2 – Regolamenti tal-Akwist**

Il-President semma li l-AKL kif ukoll il-Kunsilli Reġjonali kienu ġew infurmati mid-Diviżjoni li m' għadhomx taħt Skeda 3 fir-regolamenti tal-Akwist imma Skeda 2.

**41.6.6 Proposta lill-Awditur Ġenerali – Awditjar Kunsilli Lokali**

Il-President semma li l-Uffiċju tal-Awditur Ġenerali għandu jiffoka fuq l-awditjar mill-aspett finanzjarju biss. Filwaqt li semma li għandu jkun hemm qafas ta' awditjar intern fuq l-amministrattiv fejn dan isir sew f' kull Kunsill Reġjonali u Kunsill Lokali imma mingħajr il-ħtieġa li jsir kull sena. Semma wkoll li wieħed għandu jikkunsidra li jbiddel l-qafas ta' kif il-Kunsilli għandhom jirrapurtaw l-aspett finanzjarju, iġifieri ma jintużawx l-istandards ta' IFRS imma qafas aktar sempliċi.

**41.6.7 Sessjonijiet online għall-Membri Eletti**

Il-President semma li jidher li minħabba s-sitwazzjoni kurrenti li ġabet magħha l-pandemija COVID-19, idealment l-ippjanar tas-sessjonijiet li ser torganizza l-AKL jibqgħu online. Il-President semma li l-AKL ġabret kwotazzjonijiet għal sessjonijiet rigward l-użu tal-media soċjali, public speaking, il-komunikazzjoni, is-saħħa mentali, il-motivazzjoni waqt dan iż-żmien li għaddejjin minnu u kif nistgħu bħala Membri Eletti inkunu ta' sosten għall-komunita'. Il-President ta ġarsa lejn il-

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali
Marsa MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

kwotazzjonijiet miġbura u l-Eżekuttiv qabel li għandu jmur għall-orħos offerta.

**41.6.8 Tariffi BOV**

Il-President semma li l-AKL innutat li qed tinqata tariffa ta' €10 fix-xhar mill-kont bankarju tal-AKL peress li l-kont miftuħ fuq entita' u mhux wieħed personali. Il-President semma li l-AKL ġibdet l-attenzjoni tal-bank li l-ammont ta' tariffi li ġew introdotti din is-sena ma jagħmlux distinzjoni bejn kumpaniji privati u entitajiet governattivi.

**41.6.9 Leave pendenti għas-sena 2020**

Il-President semma li l-impjegati tal-AKL kienu għamlu talba sabiex il-leave pendenti tas-sena 2020 jiġi trasferit għas-sena 2021. Peressli l-ammont ta' siegħat rikjesti kienu konformi ma' dawk stipulati fil-ftehim kollettiv, l-Eżekuttiv approva dawn it-talbiet.

**41.7 Preżentazzjoni u Approvazzjoni – Performance Appraisals Ħaddiema AKL**

41.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talab li jkun skużat sabiex l-Eżekuttiv ikun jista' jiddiskuti l-Perfomance Appraisals ta' kull impjegati tal-AKL.

41.7.2 Is-Segretraju Eżekuttiv issejħet lura fil-laqgħa wara li l-Eżedkuttiv evalwa l-Appraisals ta' kull impjegat.

41.7.3 Il-President informa lis-Segretarju li l-Performance Appraisals ġew approvati kif kienu preżentanti, għaldaqstant il-ħaddiema għandhom jingħataw il-performance bounus hekk kif iddeċieda l-Eżekuttiv.

41.7.4 Is-Sur Michael Fenech Adami u s-Sur Anthony Mifsud talbu li jiġu skużati mil-laqgħa 18:38

**41.8 Affarjiet Oħra**

41.8.1 Chev. Paul Farrugia reġa enfasizza li t-Tribunali m'għandhomx jibqgħu parti mir-Reġjuni. Kien urtat ferm u spjega kif ħassu urtat bl-arroganza li biha ħass li imxiet id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn Perit ġie imqabbad iżur il-Binja ta' Tribunal Xlokk mingħajr ħadd mill-President Reġjonali jew s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Xlokk ġew infurmati b' dan. Chev Farrugia preżenta d-dokumenti annessi ma' dawn il-minuti u immarkati bħala Dok A.

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

41.8.2 Dr. Azzopardi għamel referenza għall-korrispondenza annessa mal-minuti u mmarkata bħala Dok B. Chev. Farrugia irrimarka li huwa ma xtaqx jikkumenta għax iħoss li d-diskors tiegħu kien wieħed veritier. Is-Sur Joe Cordina irrimarka li meta wieħed jirrappreżenta l-lokalita' għandu jkun aktar kawt u jsib bilanċ fid-diskors li jkun qed jagħmel.

**41.9 Aġġornament**

41.9.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 14 ta' Jannar 2021 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija ġewwa l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.42 li nżammet nhar il-Ħamis, 14 ta' jannar 2021.

**Mario Fava**
**President**

Dok A

**Galea Antonella at Local Councils**

| | |
|---|---|
| **From:** | Tabone Joseph B at Local Government |
| **Sent:** | 20 November 2020 13:07 |
| **To:** | Zejtun Local Council at Local Councils |
| **Cc:** | Galea Antonella at Local Councils; Flores Svetlick at LESA; Commissioners at Justice; Vassallo Elizabeth at Heritage Superintendence; Attard Natalino at Local Government; Galea Christopher at Local Government; Vella Vincent at Local Government |
| **Subject:** | Re: Binja tat-Tribunal |
| **Attachments:** | Condition Report.pdf |
| **Importance:** | High |

Lis-Segretarju Ezekuttiv,
Kunsill Lokali Zejtun.

Sur Segretarju Ezekuttiv,

Anness qed nibghatlek kopja tar-rapport li hejja l-Perit imqabbad mid-Divizjoni dwar il-Binja tat-Tribunal, u dan sabiex tittiehed l-azzjoni immedjata kif indikat fit-tali rapport.

Grazzi

Joseph Tabone
Officer in Scale 5
Monitoring and Support
Local Government Division

t +356 22052337 e joseph.b.tabone@gov.mt
www.gov.mt www.publicservice.gov.mt fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS & LOCAL GOVERNMENT

Ministry for the National Heritage,
the Arts and Local Government
Directorate for Culture

Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti
u Gvern Lokali
Direttorat għall-Kultura

*Mr. Natalino Attard*
Director General Local Councils Department
26, Archbishop Street , Valletta,

18/11/2020

*Dear Sir,*

**To whom it mav Concern :-**

## Re: Structural Condition Report on Local Councils' Tribunal Premises at Ġnien l-Għannejja Żwieten off Triq San Tumas , Żejtun.

Arising from a recent site inspection carried out on 6th November 2020 , and subsequent enquires at Planning Authority web based records, I can certify and confirm the following:-

Tribunal premises is a one floor masonry load bearing structure largely rectangular in shape. Its external walls are built up of double skin soft stone globigerina limestone blocks and its intrenal walls are in single skin soft stone masonry walls. The slab is in reinforced concrete with a "Torba" laid to falls and an overlying concrete roof screed. Presumably a bituminous layer has been layed just below the "Torba" bed. The building's footprint is approximately 18.4 metres (m) in length and 13.79 m in width. Its superficial area has been calculated at around 250 square metres. Approximate layout in ***Doc 5*** refers.

***Doc's 1 to 4*** are extracts from Planning Authority Geoportal Base Maps and Orthophotos dated 2016 Orthophoto for ***Doc 1***, 1998 Orthophoto for ***Doc 2***, 1966 Survey Sheet for ***Doc 3*** and 2020 Geoportal Base Map for ***Doc 4***. Online Planning Authority records started being kept as far back as 1992. The block appears as already established in the 1998 Orthophoto but definitely was non existent in 1968 Survey Sheet. Moreover, prior to the advent of the Planning Authority, Governmnet entities were not required to apply for a building permit and thus actual lack of any planning application records before and after 1992 indicates that building was already erected before 1992. From its rather contemporary design outlook and elevational elements most probably it was erected in late 1980's and thus the whole premises is around 35 years old. Most significantly are the rectangular facade windows and doors with 2 courses high flat arches on both the facade's inner and outer skins. Flat arches, due to their geometry, are the weakest type of arches. However, due to the limited span of less than 2 m of the existing facade windows and doors, the employed 2courses high voussoirs should have been more than capable to span adeqautely the apertures involved.

The whole building has been observed to suffer from noticeable rotational deformations arising most probably from weak foundations detailing. Photograpic evidence in attached Photo Sheets referred. These rotational deformational movements in turn result in unsightly cracks along mortar joints in both internal and external vertical wall planes and the flat arches voussoirs joints. Other contemporary buildings in the near visibility of the Tribunal premises, as indicated in attached photos numbered 23 and 14, do not exhibit any evidence of wall cracks

leading to the plausible assumption that no notoruious weak bedrock strata in this zone of Zejtun actually exist.

Moreover, the medieval San Girgor Chapel, situated some 50 m away from the Tribunal site, is still structurally sound to present day. All this evidence strongly points out that the evident cracks, colloqually referred to as *"konsenturi"*, are the direct result of bad workmanship and lack of adequate detailing at foundations level. A simple concrete reinforced strip footing foundation , that currently is almost universally employed in most construction sites, would have probably been enough.

Though presently of a rather insignificant structral considerations apart from their unsightly nature , where these cracks to beome ever persistant and increase in width from just less than 1mm to at least 10mm , the vertical wall planes may become unstable and would render the whole premises dangerous to use. ***However, this scenario is far from the actual current site condtions and thus premises are safe to continue with their normal everyday use***.

The current remedial action being undertaken by the Local Council is merely of a finshes aesthetical nature and is not actually addressing the inherent rotational deformations being exhibited. The latter cannot easily be structurally addressed, however, there is no immediate need to even consider very expensive structural inteventions. Rotational foundations movements usually decrease in magnitude over time and eventaully research a stable stage. Hence, my advise is to monitor the deformations over a rather lengthy period of time, of say 2 to 3 years, by taking bi-monthly readings from simple deformation gauges fixed across the cracks in specific positions. Examples of these wall mounted deformation gauges , usually referred to as "Tell Tale" ones, are shown in Photo No. 16. If insignificant movements are recorded the gauges would then be removed and there should not be any more concern on the structural integrity of the premises.

Other defects photographed in photos 17 to 20 relate to the lack of rain water impermeability of the roof sccreed, particularly acroos its joints and screed to parapet wall joints. The Local Council of Zejtun should be urged to rectify the premises' roof screed as if left unchecked or not properly maintained for a few more yeras would lead to the spalling of the underlying concrete slab. The slab's natural carbonation process would be enhanced by the presence of trapped rainwater or water vapour , thereby shortening considerably its expected life span of around 70 to 80 years. Bearing in mind that premises is some 35 years old, proper roof screed maintenance is of paramount importance and should be actively perused by the concerned entities.

*Attachments* ***Doc's 1 to 5*** *and Photo Sheets 1 to 10 carrying Photos 1 to 20.*

Regards,

***Perit Paul Buhagiar***
Warrant No. 176

Culture Directorate / MHAI.

**Doc 1 - Ortho 2016**




M → PHOTO LOCATION

Doc 2- Ortho 1998

Search Case Search



Doc 3- SS 1968


Search
Case Search
Chapel
Ċimiterju
Ċimiterju
Ta'San Girgc
ID-DAHLA TA' SAN TUMAS
68/11
Ġardin
Luqa Briffa
Pili-box
Culture Directorate

**Doc 4- Geoportal**



Doc 5




GROUND FLOOR PLAN/SKETCH
@~ 1:100 SCALE



ROOF LEVEL PLAN/SKETCH
@ 1:200 SCALE
~

(n) → PHOTO LOCATION

Culture Directorate



PHOTO No.1--Tribunal Premises main entrance



PHOTO NO 2--Tribunal Premises upon entering Gnien L-Ghannejja Zwieten Garden

Photo Recording Sheet No.1 **Perit Paul Buhagiar obo MHAL**

Title: Condition Report on Tribunal Premises at Gnien l-Ghannejja Zwieten, Iz-Zejtun

Date: 10/11/2020 File No. CLT/2020/___



PHOTO No.3 -- Visible Rotaional Wall Crack ( Konsentura ) as seen on facade



PHOTO NO.4--Wall cracks over main entrance flat arch plastered over

Photo Recording Sheet No.2 **Perit Paul Buhagiar obo MHAL**

Title : Condition Report on Tribunal Premises at Gnien l-Ghannejja Zwieten , Iz-Zejtun

Date: 10/11/2020 File No. CLT/2020/___



PHOTO No.5- Internal wall cracks recently plastered over



PHOTO NO.6-- Multiple external wall cracks on stairwell at roof level

Photo Recording Sheet No.3 **Perit Paul Buhagiar obo MHAL**

Title : Condition Report on Tribunal Premises at Gnien l-Ghannejja Zwieten, Iz-Zejtun

Date: 10/11/2020 File No. CLT/2020/___



PHOTO No.7- Evidence of frequency of internal wall cracks



PHOTO NO.8 -Clear rotaional movement on flat arches on façade

Photo Recording Sheet No.4 **Perit Paul Buhagiar obo MHAL**
Title : Condition Report on Tribunal Premises at Gnien l-Ghannejja Zwieten , Iz-Zejtun
Date: 10/11/2020 File No. CLT/2020/___



PHOTO No9 -Recently renovted sanitary facilities __Wall tiles still intact



PHOTO NO. 10 -Similar to photo 9 for adjacent public sanitary facility

Photo Recording Sheet No.5 **Perit Paul Buhagiar obo MHAL**

Title : Condition Report on Tribunal Premises at Gnien l-Ghannejja Zwieten , Iz-Zejtun

Date: 10/11/2020 File No CLT/2020/___



PHOTO No11 -External flat arches with disjointed voussoirs




PHOTO NO. 12 - Wall cracks at internal corner of Tribunal Hall and over its arched entrance

Photo Recording Sheet No.6 **Perit Paul Buhagiar obo MHAL**

Title : Condition Report on Tribunal Premises at Gnien l-Ghannejja Zwieten , Iz-Zejtun

Date 10/11/2020 File No. CLT/2020/___

Culture Directorate




PHOTO No13 -nearby Child care centre with no visible Wall cracks



PHOTO NO. 14 - Child Care Centre

Photo Recording Sheet No.7 **Perit Paul Buhagiar obo MHAL**

Title : Condition Report on Tribunal Premises at Gnien l-Ghannejja Zwieten , Iz-Zejtun

Date: 10/11/2020 File No. CLT/2020/___



PHOTO No15 -Profuse internal wall cracks at roof level stairwell



PHOTO NO. 16 - Plastice "Tell Tales" to monitor wall deformation across wall cracks

Photo Recording Sheet No.8 **Perit Paul Buhagiar obo MHAL**

Title : Condition Report on Tribunal Premises at Gnien l-Ghannejja Zwieten , Iz-Zejtun

Date: 10/11/2020 File No CLT/2020/___



PHOTO No17 -Concrete Slab spalling defects over corridor



PHOTO NO 18 - Wall cracks and minor concrete slab spalling defects

Photo Recording Sheet No.9 **Perit Paul Buhagiar obo MHAL**

Title : Condition Report on Tribunal Premises at Gnien l-Ghannejja Zwieten , Iz-Zejtun

Date: 10/11/2020 File No CLT/2020/___



PHOTO No19 -Roof screed joints to be properly maintained



PHOTO NO. 20 - Screed joints especially those against parapet wall to be well maintained

Photo Recording Sheet No.10 **Perit Paul Buhagiar obo MHAL**

Title : Condition Report on Tribunal Premises at Gnien l-Ghannejja Zwieten , Iz-Zejtun

Date: 10/11/2020 File No. CLT/2020/___

Dok B.

**Lianne Cassar**

---

|  |  |
|---|---|
| **From:** | Samuel Azzopardi <samuel.azzopardi@gmail.com> |
| **Sent:** | 10 December 2020 14:14 |
| **To:** | Mario Fava |
| **Cc:** | Lianne Mifsud; Paul Farrugia; Michael Fenech Adami; Graziella Galea; Jesmond Aquilina; Joe Cordina; Mark GRECH; Anthony Mifsud |
| **Subject:** | Diskors President Viċi President AKL u President Reġjun Xlokk |
| **Attachments:** | Video.mov |

Lill-President Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

Għażiż President,

Bħala Viċi-President tal-Assoċjazzjoni u bħala kap tal-minoranza fl-Assoċjazzjoni f'isem sħabi membri tal-Partit Nazzjonalista nirreferi għad-diskors tal-kollega Viċi-President u President tar-Regjun Xlokk nhar l-4 ta' Diċembru 2020 kif jixhed il-filmat riprodott hawn fl-hemża u nitlob lill-istess Viċi President sabiex jirrettifika dak id-diskors jispjega ruħu u jitlob apoloġija.

Nifhem illi wieħed fil-furja tal-mument jaf jgħid kliem li wara ma jkunx ried jgħidhom pero hemm ir-responsabbiltà tal-kariga pubblika u titlob l-aqwa rispett u li diskors pubbliku jkun 'il fuq minn partiġjaniżżmu sfaċċat. Kif qal is-Sur Paul Farruġia stess fid-diskors tiegħu hu kien hemm bħala President tar-Reġjun Xlokk, infatti kien liebes l-insigna uffiċjali.

Għalhekk bl-ikbar rispett nitlob li l-kollega jieħu dawk il-passi onorabbli li semmejt u fin-nuqqas nitlob l-Assoċjazzjoni dissasoċja minn dan il-kliem partiġġjan li ma jirrifletti xejn l-animu li għandna nimxu fil-Gvern Lokali. L-eżempju jrid jiġi minna bħala membri tal-eżekuttiv.

Grazzi u tislijiet

Samuel Azzopardi
Viċi-President
President Reġjun Għawdex

Cc membri eżekuttiv, segretarju eżekuttiv